# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 22 ta' Jannar 2024**

**Rik. Gur.Nru.: 547/2023 JPG**

**Kawza nru.: 23**

**GG**
**U**
**CG**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-attrici datat 13 ta' Ottubru 2023, a fol 1, fejn wara li ddikjarat dak premess, sostniet illi:

1. *Illi l-kontendenti zzewgu fit-tnejn u ghoxrin ta' Gunju tas-sena elfejn u tlettax (22/06/2013);*

2. *Illi minn dana z-zwieg il-kontendenti kellhom zewgt itfal, JOG u JUG li twieldu f'X;*

3. *Illi l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti tan-Nutar Dr. Kimberley Piscopo datat disgha ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (09/03/2022) (vide Dok A anness);*

4. *Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovut bejn il-partijiet;*

5. *Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli illi jkun hemm rikonciljazzjoni bejn il-*

*kontendenti, stante illi ilhom jghixu separatament mis-sena elfejn u ghoxrin (2020);*

6. *Illi l-fatti su riportati jissodisfaw il-kweziti ghall-ottjeniment tal-hall miz-zwieg a tenur ta' artikoli 66A et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna;*

1. *Tippronunzja d-divorzju bejn il-kontendenti;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien kontemplat jinnotifika lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-digriet tad-Divorzju sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**GG xehed** (vide affidavit fol 26) illi l-partijiet izzewgu nhar it-22 ta' Gunju 2013, u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt tfal. Sostna illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Kimberley Piscopo datat nhar id-9 ta' Marzu 2022 Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**CG xehdet** (vide affidavit fol 27) u kkonfermat u kkorraborat x-xhieda tal-attur.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(… omissis)***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom***

***ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-22 ta' Gunju 2013, liema zwieg jgib certifikat numru 1389/2013 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 17). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, minuri tewmin.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Kimberly Piscopo nhar id-9 ta' Marzu 2022 (Vide fol 2 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1389/2013 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**